MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Numru 802/2000

PULIZIJA
SPETTUR JEFFREY CILIA
VS
MICHAEL ZAHRA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Michael Zahra ta' 29 sena, bin Alfred u Mary nee' Spiteri, imwieled Pieta' fit-22 ta' Settembru 1971, li joqghod 41, Triq il-Kampnar, Bormla, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 440071(M), billi inti akkuzat talli:

Fit-2 ta' Settembru 1999, f'Tas-Sliema, ikkommetta serq ta' auto radio/cassette player ta' l-ghamla Kenwood bin-numru serjali KE0093F500518 u ndahal biex ibieghu, liema auto radio/cassette player kien akkwistat b'reat;

Talli f'dawn il-Gzejjer fl-1 ta' Settembru 1999 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu id-droga

eroina u kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghal l-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu id-droga msemmja fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli 1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; u aktar

Talli f'dawn il-Gzejjer, fl-1 ta' Settembru 1999, u matul ix-xhur ta' qabel kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(A) u (D) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; u aktar

Talli kiser il-provedimenti tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fil-31 ta' Mejju 1999, b'liema sentenza hu kien gie misjub hati ta' reat u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin; u aktar

Talli sar recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-26 ta' Jannar 1995, fl-1 ta' Novembru 1996, fit-13 t'Ottubru 1999, u fil-15 ta' Settembru 1999, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-14 t'Ottubru 2004 fejn l-imputat ammetta ghal l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza wara li rat l-Art 263, 264, 267, 271, 278, 49, 50 tal-Kap 9, regolament 4 u 6 tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, regolament 8 tar-regoli 1939 dwar kontroll intern tad-drogi perikluzi GN 292/39 kif emendat u bi ksur tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi tal-Kap 101 u Art 8A u D tal-Kap 101, Art 7 u 9 tal-Kap 446, u tqieghed lill-imputat taht ordni tal-probation ghal perjodu ta' tlett snin.

Ghal dan il-ghan, il-Qorti qed tinnomina lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jinnomina probation officer ghal l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------